**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Curtis Bakoush**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 22 ta' Novembru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Curtis Bakoush** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 340689M billi huwa akkuzat talli:

1) Fl-10 ta' Gunju 2019 ghall-habta tas-1:40hrs gewwa Triq San Bastjan, il-Belt Valletta ikkometta serq ta' flus li jammontaw ghal 50 euros minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni DLY147 liema

serq huwa kwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Joseph Spiteri u/jew ta' persuna/i ohra u dana bi ksur tal-artikolu 261, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

2) U aktar talli nhar l-10 ta' Gunju 2019 f' dawn il-gzejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dott. C. Farrugia Frendo LL.D.) nhar is-6 ta' Marzu 2018 f' dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' 5,000 ewro u dana bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) (3) tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Ukoll talli nhar l-10 ta' Gunju 2019 f' dawn il-gzejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dott. Y. Micallef Stafrace LL.D.) nhar id-9 ta' April 2019 f'dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' 15,000 ewro u dana bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) (3) tal-Ligijiet ta' Malta;

4) U aktar talli ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv ta' disa xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin hekk kif moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., nhar il-15 ta' Gunju 2016, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Curtis Bakoush u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €1,500 depozitu kif ukoll is-somma ta' 5,000 ewro garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Curtis Bakoush u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 15,000 ewro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Curtis Bakoush bhala recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbiddlu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta fis-27 ta' Settembru 2019 (*a fol.* 102 et *seq*.) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Curtis Bakoush prezentata fl-1 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 107 et *seq*.).

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu hames (5) xhieda kif gej ;

Joseph Spiteri (*a fol* 18 et. seq.); Spettur Priscilla Caruana Lee (*a fol* 26 et. seq.); Spettur James Grech (*a fol* 60 et. seq.); Sarah Jane Privitera (*a fol* 63 et. seq.); Spettur Priscilla Caruana Lee (*a fol* 67 et. seq.).

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Kif din il-Qorti kellha opportunita li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**,[1] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni **hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju** (Enfazi ta' din il-Qorti) Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension:** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*[2]

[1] Deciza fil-5 ta' Dicembru 1997
[2] 1974 - ALL Er 372

**<u>Il-Prova Cirkustanzjali</u>**

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[3] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed ikun jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deciza fil-5 ta' Lulju 2002:

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova*

[3] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

*ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[4]

**FATTI LI RRIZULTAW MILL-PROVI**

Tul dan il-kaz il-prosekuzzjoni ressqet xhieda biex tipprova l-kaz taghha. L-imputat kif kellu dritt jaghmel, ma prezentax xhieda. Il-Qorti fliet il-process u rat li dan il-kaz gie investigat wara li l-pulizija mill-Ghassa tal-Belt ircevew rapport minn Joseph Spiteri fejn irrapport li kien qed jaghti servizz bit-taxi bin-numru ta' registrazzjoni DLY147 bhala xufier mal-Ecabs u kien gie misruq minn persuna maskili li huwa stess kien wassal il-Belt.

Joseph Spiteri ta deskrizzjoni dettaljata tal-persuna li haditlu ammont ta' flus minn gewwa l-*pouch* li huwa hareg sabiex ikun jista' jaghti l-bqija lill-

[4] [1952] A.C. 480, PC at 489

individwu li huwa kien wassal. Spiteri spjega illi huwa kien irceva messagg fuq il-mobile tieghu sabiex sar il-booking tat-taxi minn fuq numru 99959808 u l-booking kien sar min certu Steve.

Skont id-deskrizzjoni li Spiteri ta tal-persuna nvoluta kellha: tattoos fuq l-idejn u s-saqajn, tip ta' tattoo hamra b'ghasfur jew annimal fuq l-ghonq taht il-widna tal-lemin u kellu xi feriti u faxxa f' idejh man-naha tal-lemin. Stqarr ukoll li kellu xaghru mqaxxra, liebes flokk ahmar, jeans imqatta ftit l-isfel mill-irkoppa u flipflops.

Wara dan r-rapport, l-pulizija waslu ghal min kien is-suspettat li seraq l-flus.

Il-pulizija ffotografaw it-tpingijja li kellu l-imputat meta dan gie arrestat kif ukoll il-griehi li kellu ma idejh li qablu precizament mad-deskrizzjoni li ta Spiteri.

Il-pulizija rnexxilhom isib l-mobile phone[5] tal-ghamla Nokia kulur celesti li ntuza biex bih sar il-booking mal-Ecabs. Fil-mobile nstab il-messagg li bih sar il-booking mal-Ecabs fejn waqt dawn il-proceduri gew ezebiti ritratti li ttiehdu mill-Ispettur Caruana.

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll r-rapprezentant mill-Ecabs Sarah Jane Privitera fejn prezentat ir-records tal-vjaggi li ghamel ix-xufier Spiteri bit-taxi DLY147 fil-gurnata tal-incident[6].

[5] Gie elevat u inharget ircevuta li inghatat lil omm l-imputat Jane Bakoush
[6] A fol 40

Gie ezebit filmat mehud mis-sistema tac-CCTV fejn jider persuna maskili diehel gewwa r-residenza 60, Triq l-Isptar, il-Belt Valletta, l-indirizz fejn jghix l-imputat. Ix-xufier waqqaf lill-imputat gewwa Triq San Bastjan il-Belt fejn l-imputat jidher diehel go blokka flats fejn inqabghad fuq il-cameras tas-sigurta li jghatu ghat-triq l-Isptar. Dawn il-filmati kien migbura minn PC626 u PC355.

**KONSIDERAZZJONI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**Definizzjoni ta' serq**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*.

(ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif

jispjega l-Manzini b'referenza għad-definizzjoni ta' serq mogħija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

L-imputat Curtis Bakoush gie mixli b'serq ta' flus aggravat bil-hin u bix-xorti tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Joseph Spiteri.

Fix-xhieda tieghu **Joseph Spiteri** spjega illi huwa kien wassal persuna maskili l-Marsa u kien reggha hadu lura l-Belt fejn hemmhekk, hekk kif waqaf biex johrog il-bqija mill-*pouch*, l-agressur hataf il-flus u telaq jigri. Id-deskrizzjoni li Spiteri ta' hija wahda dettaljata fejn il-pulizija waslu mill-ewwel ghal min setgha kien s-suspettat u dan ma jfissirx li ghax ix-xhud waqt dawn il-proceduri ma gharafx lill-imputat ghax ta' kuljum ikollu numru ta' klijenti u hadd m'ghandu jistenna li dan ghax ma jaghrafx lill-persuna allura jinholoq id-dubju kif sostniet id-difiza fin-nota taghha. Ghalhekk f'dan il-kaz il-provi cirkustanzjali huma importanti hafna biex din il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha.

Prova importanti kienet li mill-istharrig li sar mas-sistema tal-pulizija irrizulta illi n-numru tal-mobile li ntuza sabiex sar il-booking 99959808, gie jimmarka fuq l-isem Shaian Bakoush li tigi oht l-imputat. Kien hemmhekk li l-pulizija komplew bl-investigazzjoni billi gie elevat il-mobile, li fil-fatt kienet qed taghmel uzu minnhu omm l-imputat. Il-**<u>messagg li ntbaghat sabiex isir il-booking kien ghadu fil-mobile.</u>**

Din hija prova importanti hafna li torbot id-deskrizzjoni li ta x-xhud Spiteri, is-CCTV footage esebit f'dawn l-atti u l-imputat.

Din l-ewwel imputazzjoni ghalhekk tirrizulta ppruvata sal-grad li trid il-ligi.

**<u>L-Imputazzjoni li l-Imputat Kiser il-Kundizzjonijiet tal-Liberta Provizorja u ksur ta' sentenza sospiza</u>**

Din l-akkuza wkoll giet pienament ippruvata. Gew prezentati zewg digriet relattivi għall-għoti tal-helsien mill-arrest. Minn dawn id-digrieti jirrizulta bl-aktar mod car li l-imputat kien intrabat li *"ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest."* Huwa car li bis-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest tieghu. Il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ghadhom in vigore kif ukoll it-twettieq ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax wkoll li l-atteggjament tal-imputat li ma josservax kundizzjonijiet li gew imposti fuqu huwa turija mhux biss ta' nuqqas ta' rispett lejn l-istess Awtorita izda fih inniffsu huwa messagg li l-istess imputat qieghed iqis ruhu 'l fuq mil-ligi u li jista jaghmel li jrid u li hadd ma jista' ghalih. Dan assolutament mhux accettabbli. F'socjeta demokratika fejn kullhadd huwa sudditu tal-ligi u fejn is-saltna tad-dritt trid tigi rispettata, dan l-atteggjament mhux u ma jistax jkun permessibbli. Jekk kulhadd jadotta l-istess atteggjament tal-imputat u kulhadd jibda jaghmel li jrid, nispiccaw nghixu go gungla u tinqered l-fibra tal-ordni socjali tas-socjeta. Dan kollu sejjer jittiehed mill-Qorti fl-ikkalibrar tal-piena.

Din il-Qorti taghmilha cara li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tigi moghtija l-liberta' provizorja ghandhom dejjem jigu osservati *ad litteram* u skrupolozament u ma ghandux jinghata lok ghal kavillar zejjed fl-interpretazzjoni taghhom meta jkunu cari w kategorici, kif inhuma l-kundizzjonijiet tad-digrieti fuq imsemmija fejn l-imputat kien obbligat li ma jaghmilx reat iehor waqt iz-zmien ta' helsien mill-arrest.

Fejn tidhol il-piena li ghandha tigi mposta meta jkun hemm tali ksur, din hija stabbilita fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaghmilha cara li l-piena applikabbli hija dik ***"... ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta."***

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b), 579 (2) (3) u 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat Curtis Bakoush hati tal-imputazzjonijiet kollha li gew addebitati fil-konfront tieghu u qieghda:

(a) In kwantu għall-kaz li wassal ghal dawn il-proceduri tikkundannah ghal **tmien xhur prigunerija**;

(b) In kwantu ghall-fatt li ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv ta' disa xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin hekk kif moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., nhar il-15 ta' Gunju 2016, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel, l-Qorti qeghda iddahhal l-ordni fis-sehh u tikkundannah **disa xhur prigunerija**;

(c) In kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' htija li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja moghtija lilu bid-digrieti tas-6 ta' Marzu 2018 u 9 ta' April 2019, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 579(2)u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tikkundannah ghal **sena prigunerija**;

B'kollox ghal **disgha u ghoxrin (29) xahar prigunerija effettiva**.

Il-Qorti qieghda tilqa' wkoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tirrevoka d-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 6 ta' Marzu 2018 u 9 ta' April 2019 moghtija mill-Magistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo u mill-Magistrat Dott. Yana Micallef Stafrace rispettivament fejn l-imputat kien inghata l-liberta provizorja u tordna r-rijarrest immedjat tal-imputat filwaqt li tordna li s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) moghtija bhala depozitu u li s-somom ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) moghtija bhala garanziji personali b'kollox ghalhekk wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) fid-digrieti fuq imsemmija, li huma parti mill-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest, jghaddu favur l-Gvern ta' Malta immedjatament.

Stante li ma kienx hemm hatra ta' esperti l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba dwar hlas ta' spejjez peritali ghaliex ma kienx hemm spejjez.

__________________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**